**Qorti tal-Appell-Kriminali**
Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell-Nru. 11/2018

**Il-Pulizija**
**Spettur Jurgen Vella**

**Vs**

***Omissis***

Illum, 16 ta' April 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti *Omissis* detentrici tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru, 388178(M) akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli F'Novembru, 2014, u fil-gimghat u x-xhur li jiġu immedjatament wara, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żmienijiet differenti, iżda li jiksru l-istess diżpożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

*1.* *A*ppropjat ruħha billi dawwret bi profit għaliha jew għal persuni oħra, minn ħaġa ta' ħaddieor li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minħabba depożitu neċessarju; u ċjoè flus kontanti u ċekkijiet,

għad-dannu ta' ċertu Abdurraouf Mohammed Eddegrem (349104L) b'valur li jeċċedi l-ħamest elef euro (€5,000);

2. *B*i ħsara ta' ħaddieħor, għamlet xi qligħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef euro (€5,000); u

3. Irrendiet ruħha reċediva b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr Doreen Clarke LL.D., mogħtija fit-3 ta' Frar, 2011, sentenza li saret definittiva u ma tistax terġa' tinbidel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Jannar, 2018 fejn il-Qorti wara li rat l- l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 293, 294, u 310(1)(a) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni
milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, issib lill-imputata hatja tal-akkuzi l-ohra kollha migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal 3 snin prigunerija.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Rat ir-rikors tal-appellanti *Omissis* minnha pprezentat fit-22 ta' Jannar, 2018 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha għar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikaturi Kriminali tal 10 ta Jannar 2018, in kwantu l-imputata giet liberata mit-tieni akkuza, u tirrevokaha in kwanti sabitha hatja tal-ewwel u t-tielet akkuża u ikkundannata ghal tlett snin priġunerija u b'hekk tillibera lill-imputata minn kull htija.

Alternattivament dinil-Qorti terriga piena aktar miti u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-ewwel aggravju huwa riferibilment għal-ħtija taħt l-ewwel akkuza rigwardanti allegat ksur tal-Artikolu 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap 9, li l-imputata b'xi mod ingannat lil Abderlrauf dwar il-ħtieġa tagħha finanzjarja, jew li miegħu ftehmet sabiex il-flejjes li huwa għaddielha jintużaw għal għanijiet diversament milli kien miftiehem.

Illi dan l-agravju huwa wkoll konfermat mis-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti fejn f'Paġna 13 tal-istess sentenza l-istesss Qorti tirrimarka
Illi l-Qorti ma setghetx ma tinnotas ukoll li kien hemm inkonsistensa bejn dak li jikkontendi l-parte leza u l-provi in atti u dan fir-rigward tad-dati li fihom saru l-pagamenti u l-ammont dovut.

Illi dik l-istess Qorti naqset li tabbina id-dati kkonfermati bejn is-self li seħħ sa Dicembru 2014 u l-emails esebiti kemm a fol 30-32 kif ukoll dawk a fol 38-41) li jirreferu ghas-sena 2015 meta inbdew it-trattavi veri sabiex jinġieb xogħol għal-Libja li minħabba in-nuqqas tal-partijiet mhux in kawża baqa ma seħħx.

It-tieni agravju jikkonsisti fis-sejbien ta' ħtija referibilment a bażi tal-insenjament tal-Qrati tagħna li sabiex tissusti l-frode jrid jkun hemm contempranueous gain and deceit, biex jisusisti ir-reat ta' frode, dan billi ir-rilaxx tal-flus mill-parte leza qatt ma nġab taħt kundizzjonijiet ta' raġġieri, liema raġġieri ma kienu qatt perpetrati mil-imputata kontra Abdelrauf meta huwa irrilaxxa is-sommom ta' flus hawn fuq konfermati dan billi l-istess Abdelrauf kien jaf sew u huwa midħla sew tal-istess imputata u dan għal snin twal u kien jaf sew is-sitwazjoni tagħħa.

Illi hawn jista jingħad li l-istess Abdelrauf ra il-possibilita li jutizza l-kuntatti fis-suq tal-imputata għal qliegħ tiegħu u kotaneji, iżda dan ma seħħx billi l-istess imputata resqet lura minn dak li kien qed jiġi propost, li seta effettivament kellu konsegwenzi ħafna akbar billi dak propost, u cioe' li tinġab merkanzija bla ma titħallas kif jidher li xtaq Ismael, u sa ċertu punt anke Akram u ħuh. Dan huwa kollu sopportat mill-itra

ipprezentata fl-atti fejn it-taba hija ta' 63 elf ewro, li fil-proċeduri l-ewwel Qorti ukoll ma qablitx mal-ammont dovuti, kif del resto jirrizulta li parti mill-flus mislufa gew ritornati bhala merkanzija li dwar dan il-parti lesa konvenjentement hallietu kollu barra.

Illi t-tielet aggravju li qiegħed jingħata mingħajr pregudizzju għall-agravji preċedenti u liema aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-piena nflitta hija waħda eċċessiva tenut kont iċ-ċirkostanżi kollha tal-każ, kif riżultanti mix-xhieda ta' diffikulta finanzjarja u soċjali li tali fatturi ma jimmeritawx piena ta' Habs effettiv.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

**L-Ispettur Rennie Stivala,** ikkonferma li kien ircieva kwerela minghand Dr. Caruana fil-5 ta' Frar, 2015 ghan-nom tal-klijent tieghu Abdu Araw Mohammed Agram. Dan kien spjegalu li fil-bidu ta' Dicembru, 2014 certu *Omissis* kienet avvicinatu u spjegatlu li kellha container Red Bull maqbud id-Dwana u biex tohrog dan il-container kellha bzonn xi had jislifha s-somma ta' €2,500 ghaliex ma kellhiex. Din hajrithu jislifha dan l-ammont u qaltlu li kienet lesta li taqsam il-qliegh taghha fuq dan il-container mieghu. Spjegatlu li l-qliegh kellu jkun ta' madwar €20,000. Dan Mohammed Abduraouf thajjar, accetta u kien pront u ghaddihomla. Spjega wkoll illi fit-3 ta' Dicembru, 2014 din *Omissis* qaltlu illi l-container kien lest, hargitu u kienet lesta li ttih l-€2,500 li kien sellifha oltre l-€10,000 li kienet weghditu bhala qliegh jew adirittura offrietlu li jhalli l-flus ghandha biex ikabbru l-business. Dan Abduraouf thajjar li jkompli jinvesti f'dan in-

negozzju u halla l-flus ghandha. *Omissis* qaltlu li kienet ghaddejja f'xi diskussjonijiet ma certu Tarek minn Cipru biex igib hames containers xoghol imhallat, Nutella u Red Bull, u li kellha bzonn l-ghajnuna biex issib il-bejgh taghhom. Qaltlu li dawn il-containers jiswew €80,000 u biex jintbghatu, dan Tarek talabha deposit ta' €50,000. *Omissis* qaltlu li container Red Bull jinbiegh €43,000 u ghalhekk kien jonqosha €7,000 biex tghalaq il-hamsin elf. Skont ma ntqal f'din il-kwerela Abduraouf iddecieda jghaddilha €7,000 u ghaddielha cekk ta €4,000 mahrug minn Express Trailers, cekk fl-ammont ta' €290 mahrug minn Robert Ebejer u l-bqija fi flus kontanti. Ghaddew xi jiem meta Abduraouf ipprova jikkomunika maghha biex jara x'sar minnu n-negozzju waqt li kien qed ifittex il-bejgh ta' dawn il-containers, intqal illi l-partijiet iltaqghu diversi drabi u din dejjem tghidlu li l-containers fadlilhom biex jaslu u huwa hass li r-ragunijiet moghtija minnha kienu biss skuzi. Intqal illi kien hemm ukoll laqghat ma certu Kevin Spiteri li opera taht l-isem ta' Arch u li jghamel Freight forwarding, freight clearance u li sahansitra anke pprezentat lil dan Abduraouf mieghu. Nel frattemp dan Abudraouf laqqaghha ma habib tieghu Akram li wkoll ried jimporta container Red Bull u din qaltlu li ma kienitx problema purche' jhallas 20% deposit. Dana kien pront li ghaddielha s-somma ta' €8704 pero' cio' nonostante l-container ma wasalx. *Omissis* harget ricevuta lil dan Akram f'isem ABJ Limited dwar flus li rceviet minghandu pero' wara certu zmien dan Akram ried il-flus lura. Fil-kwerela ntqal ukoll li kienet involuta Dr. Charmaine Charrett li kellha tircievi xi flus mill-akkuzata biex tghaddihom lil dan Abduraouf.

Huwa tkellem ma dan Abduarouf u spjegalu fid-dettall dak li gie mistqarr fl-istess kwerela u kif effettivament ghamel biex ghadda l-flus lil kwerelanti u kemm-il darba ltaqa' maghha u sahansitra anke ma dan Kevin Spiteri. Iddiskuta mieghu wkoll il-kwistjoni tal-containers li kellhom jaslu minn Cipru. Tkellem ukoll ma dan Kevin Spiteri li stqarr mieghu li ma setax jahdem fuq dan ix-xoghol ghaliex qatt ma rcieva xi dokumenti minghand l-akkuzata u li fil-fatt anke kien gidem ma Abduraouf dwar il-containers fuq struzzjonijiet mghotija lilu mill-akkuzata. Huwa tkellem ukoll ma Mario Calleja, u dan spjegalu kif dahal f'din il-kwistjoni u cioe' bil-ghan li jghin lill-akkuzata thallas lid-debituri taghha. Huwa qara l-istqarrija rilaxxjata mill-akkuzata li tinsab

inserita fl-atti a fol 7 et sequitur tal-process. Huwa esebixxa wkoll sentenza mmarkata bhala dokument RS li tinsab inserita fl-atti a fol 94 li nghatat fil-konfront tal-akkuzata nhar it-3 ta' Frar, 2011 fejn il-konnotati taghha huma l-istess bhal dawk li jidhru fuq l-akkuza odjerna.

Fid-19 ta' Settembru, 2016 xehed **Dr. Ludvic Caruana** li kkonferma l-kwerela tieghu tal-5 ta' Frar, 2015. Stqarr ukoll illi l-akkuzata kienet qaltlu li kienet ghamlet transfer ta' €68,000 lill-avukata taghha sabiex fi zmien tlett ijiem il-klijent tieghu, il-parte civile ikun jista' jithallas b'cekk minghand din l-Avukat u meta huwa tkellem ma Dr. Cherrett dwar din l-allegazzjoni, din ikkonfermatlu li ma kienitx irceviet xejn minghand l-akkuzata.

Rat illi **Eddegrem Abdurraouf Mohamed** xehed nhar id-9 ta' Frar, 2016 u stqarr illi fi Frar 2015 kien talab lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga kaz partikolarment dwar l-incident li kellu meta ltaqa' ma mara *Omissis*, l-akkuzata odjerna gewwa cafeteria gewwa l-Msida fi Frar, 2014. Stqarr li kienet talbitu tghinu peress li kellha *container* mimli *Red Bull* maqbud id-Dwana. Jghid li spicca taha s-somma ta' €1,400. Hija weghdithu illi kienet se thallsu lura billi taqsam mieghu l-profitt li kienet se taqla' minn fuq dan il-*container*. Qal li qaltlu li kienet irrangat li tohrog il-container wara tlett ijiem u kienet lesta li ttih l-ghaxart elef u l-flus li kien selifha. Jew adirittura tidhol mieghu bi shab u jkabbru x-xoghol u jgibu aktar *containers* basta hu isibilha n-nies biex ibieghu. Wara xi zmien fuq suggeriment tieghu, sabet persuna gewwa c-Cipru li kien lest li jibghatilha hames containers, *Red Bull, Shark* u *Nutella* biex tbieghhom lil persuni li kien issuggerilha ta' nazzjoanlita' Libjana. Qaltlu wkoll li dawn kienu jiswew €80,000 u kellha taghti €50,000 lil dan ic-Ciprjiott ma din l-ordni ta' dawn il-hames *containers* u l-bilanc ihallsuh meta jinbieghu l-affarijiet. Qaltlu illi wiehed mill-containers tar-Red Bull bieghitu €43,000 u ghalhekk kellhom izidu sebat elef biex jibghatuhom lil Tarek ic-Ciprjiott biex ihallas dawn il-hames containers. Ghalhekk huwa taha €7,000. €4,000 minnhom cekk, li kellu jintbghat direttament lil dan ic-Ciprijott izda sar jaf li dan fil-fatt ma ntbghatx ghax gibditu hi. Spjega li dan ic-cekk mahrug mill-APS ma dahalx fil-kont tal-kumpanija izda sarfitu l-akkuzata. Ic-cekk kien intestat jew mahrug minn certu

Mario tal-Kastell Hotel. Qal li kien mar fuq dan Mario u qallu li kellu xi *Red Bull* gew u fil-fatt kien lest li jissuplih lil lukanda tieghu jekk ried prezz tajjeb. Peress li f'dan l-ghada mar jigbor dan ic-cekk. L-ammont l-iehor stqarr li tahulha quddiem l-Accountant pero' dokumentazzjoni dwar dawn it-trasferiment qal li kellu.

Xi zmien mar fuqu Libjan iehor li jismu Akram u qallu li sema' li kien se jimporta xi Red Bull u cikkulata u li xtaq jimporta container. Ix-xhud qallu li kien se jlaqqghu direttament mal-akkuzata u fil-fatt hekk ghamel l-ghada fl-istabbiliment Pizza By Luca. Din spjegatlu li ma kienx problema li taghmel ordni ta' container iehor purche li jhallasha 20% li jammonta ghal €8,700. Qallha li ma kienx problema u jumejn wara ghadda din is-somma lix-xhud u x-xhud ghaddihom lill-akkuzata u meta talabha rcevuta din kitbitlu bicca karta bl-isem tal-kumpanija taghha ABG Limited. Stqarr illi fil-fatt din il-kumpanija ma tezistix u lanqas VAT number m'ghandha. L-akkuzata qaltlu li kienet se tiddepozita dawn il-flejjes fil-kumpanija biex tghamel l-ordni. Muri d-dokument immarkat AE esebit fl-atti a fol 28, jghid li din hija fotokopja tar-rcevuta li gie moghti minghand l-akkuzata u mghoddija lil dan ix-xhud Akram. Din l-ircevuta hija datata 15 ta' Dicembru, 2014 u ghalhekk il-merkanzija kellha tasal sal-ahhar tas-sena, tas-sena 2014. Illi dan il-container pero' qatt ma wasal, wara hafna tigbid huwa rritorna l-ircevuti li kienet harget l-akkuzata u l-akkuzata rrifondietlu din l-istess somma ta' €8,700. Huwa pero' nsista li jkun jaf aktar dwar il-process tal-hames containers tant li mar anke x-shipper Carmelo Caruana u dan ikkonfermalu li fil-fatt l-akkuzata gieli ghamlet negozzju maghhom u li kienet qed tahdem b'agenzija jisimha Arch Ship meta fil-fatt fil-passat harget xi containers tal-ilma li kuntatt taghha kien certu Kevin Spiteri. Hu ltaqa' ma dan Kevin Spiteri u dan issuggerixxi illi l-hames containers kellhom jigu miktuba fuq bill of lading wahda sabiex jehilsu mill-procedura tad-Dwana aktar malajr. Huwa talab lil dan Kevin Spiteri kif ukoll lill-akkuzata biex ituh xi dokumentazzjoni biex ikun jista' juri lil din il-persuna gewwa l-Libja li l-merkanzija kienet waslet Malta pero' hadd minnhom ma tah kopja u t-tnejn qalulu li l-file originali kien gie mghoddi lid-Dwana. Kien hemm xi zmien meta qaltlu li kienet lesta li thallsu lura l-flus li kien selfilha oltre xi profitti, pero' huwa kien biss interessat li jigbor lura flusu. Spjega illi

huwa kien taha s-somma ta' €9,300, €1,400 tahomlha quddiem id-dar tal-Accountant tieghu, €4,000 permezz ta' cekk mahrug minn Express Trailers favur ix-xhud fit-28 ta' Novembru, 2014 skont Dok I a fol 29 tal-process, €290 cekk mahrug direttament mill-Accountant tieghu, Robert Ebejer kif muri fid-dokument AE1 datat 18 ta' Novembru, 2014, favor Mario Calleja, pero' baqa' miftuh ghax qaltlu li kellha thallas id-Dwana bih, hu ghaddielha wkoll is-somma ta' €1000 permezz ta' zewg withdrawals li huwa ghamel mill-Bank of Valletta fid-19 ta' Novembru, 2014 skont Dok J. Huwa pprezenta wkoll kopja tal-emails mibghuta lilu minn Kevin Spiteri in konnessjoni ma xi merkanzija li kellha tintbghat lil Libja, Dok A, email mibghuta mill-akkuzata lix-xhud u li giet forwarded lil Paperclips fejn l-akkuzata awtorizzat lix-xhud jidher ghan-nom tas-socjeta' taghha ABJ Limited meta jinhattu xi paletti, Transshipment ghal Libja, ittra interpellatorja Dok D, kwerela Dok E, email mibghuta mix-xhud lil Paperclips b'lista ta' cikkulati Dok H.

**Mario Calleja,** xehed fis-17 ta' Marzu, 2016 u mistoqsi jekk jafx lill-akkuzata, jghid li jafha u li sar jafha f'Novembru, 2014 ghaliex xi hadd irreferiha ghandu peress li kellha xi problemi. Jispjega illi fil-fatt allegatament kienet inqabdet b'xi dejn ma diversi nies u li kienet qed tigi mhedda u ma setghetx tlahhaq u talbitu strategija biex jghinha ftit. Huwa esebixxa dokument MC fejn kien hemm indikat numru ta' nies li kienu debituri tal-akkuzata u li huwa ghena biex tibda tghamel il-pagamenti mensili lilhom. Spjega li ghena minn Dicembru, 2014 sa 2015 meta kienet tghaddilu s-somma ta' €1,000 cash fix-xahar u huwa kien jghamel il-pagamenti lil dawn in-nies minn dawn il-flus. Muri c-cekk mmarkat bhala dokument AC1 jghid illi dak ic-cekk gie mghoti lilu mill-akkuzata u huwa kien iddepozitah fil-kont bankarju taghha sabiex thallas bih lid-debituri taghha. Qal li huwa ghamel dan ix-xoghol senza interessi izda biex jghinha tehles mit-theddid li kellha.

**Kevin Spiteri**, xehed fis-17 ta' Marzu, 2016 u spjega illi huwa jahdem bhala customs clearance u freight agent taht it-trade name "Arch Freight". Mistoqsi jekk jafx lill-akkuzata, jghid li jafha u fil-fatt stqarr li kienet cemplitlu biex tibda tahdem xi xoghol mieghu. Qallha li ma kienitx problema u fil-fatt bdew jiltaqghu fl-akkwati tal-

Universita' fl-istabbiliment Pizza by Luca u dan kien madwar Marzu, 2014. Jghid li bejn wiehed u iehor iltaqghu hames darbiet u qaltlu li kienet se tiftah kumpanija ghal rasha biex tmexxi xi xoghol bejn l-Ewropa ghal Libja. Qal li fil-bidu kienu jkunu prezenti hu u hi biss u kienet tghidlu l-affarijiet fuq tariffi applikabbli, fuq l-HS codes, kif jimxu l-containers, u hu minn naha tieghu kien jaghtiha l-informazzjoni. Darba minnhom laqqatu ma Libjan u gie diskuss li kellhom jghaddu numru ta' containers mill-Ewropa lejn il-Libja. In-natura tax-xoghol kellu jkun trans shipment ta' M&M's u Red Bull.
Mistoqsi jekk dan in-negozju qatt sarx, jghid li l-akkuzata kienet tghidlu li l-containers kienu waslu biex jaslu u fil-fatt huwa kien ikkuntratta biex jittellghu l-containers mill-port ta' Malta sabiex jizdoganhom u jibaghthom lejn il-Libja. Qal li huwa seta' jahdem dan ix-xoghol biss la darba l-akkuzata tghidlu n-notice of arrival tal-agent u l-invoice. Pero' jikkonferma li dawn id-dokumenti qatt ma waslu. Qal li kien jikkomunika mal-akkuzata permezz ta' telephone, email u sms. Qal li darba minnhom kien anke ircieva email minghand dan il-Libjan biex isaqsih fuq ix-xoghol u huwa kien qallu illi l-*container* suppost kellu jasal Malta pero' kien qed jistenna n-notice of arrival u l-invoice biex ikun jista' jahdem fuq id-dokumenti. Darba minnhom jaf ukoll li dan il-Libjan kien cempilli ghax *Omissis* kienet qaltlu li l-containers kienu waslu u li kien hemm il-karti tad-Dwana mexjin. Fil-fatt jghid illi l-akkuzata kienet cemplitlu u qaltlu biex jghid lil dan il-Libjan li l-karti kienu qeghdin id-Dwana u li fil-fatt hija kienet se thallsu u qaltlu wkoll li appena jkollha d-dokumenti f'idejha kienet se tghaddihomlu pero' huwa kellu jghid lil dan il-Libjan li l-karti kienu qeghdin id-dwana u li kienu qed jinhadmu. Mistoqsi x'sar minnu dan in-negozzju, jghid li l-kwistjoni mietet fuq ruh ommha. Muri d-dokument a fol 39 jikkonferma li dik hija l-email li kien bghat hu lil Rraouf Eddegrem, cioe' l-persuna li kienet laqqatu mieghu l-akkuzata. Muri d-dokument a fol 38 immarkat bhala Dok A jghid li dik hija l-informazzjoni li kienet giet mibghuta lilu minn dan l-istess Libjan.
**Mario Azzopardi,** muri d-dokument a fol 29 tal-process immarkat bhala Dok I, jghid li kien cekk li hu ghadda lil Raouf biex jghamel bicca xoghol. Kien ghaddihomlu bhala self. Qal illi dan Raouf stqarr mieghu li kellu xi bicca negozju ma mara li jisimha *Omissis*

dwar xi containers ta' ikel u xorb. Qal li fil-fatt, din il-persuna talbitu ghal aktar flus pero' huwa ma setghax isellifuha iktar minn dak l-ammont. Mistoqsi jekk jafx lill-akkuzata jghid li ma jafhiex u kkonferma illi l-persuna ta' Raouf fil-fatt jisimha Abdul Raouf Mohammed.

**Robert Ebejer,** Awditur xehed fis-26 t'April, 2016 u mistoqsi jekk jafx lill-akkuzata, jghid li jafha. Fil-fatt, stqarr illi kien hemm il-persuna ta' Raouf id-dar tieghu u qallu li kien qed jaghmel bicca xoghol ma habiba tieghu dwar xi affarijiet ta' containers u li kellu bzonn xi flus biex jghaddihom lilha. Spjega li dan Raouf ftit qabel kien tah is-somma ta' €2,200 cash biex ihallaslu xi bollol u kien rega' talabhomlu lura. Spjega illi huwa kien jghamel xoghol ta' accounts u VAT returns ghal dan Raouf u kien ihallaslu wkoll il-bollol ghax Raouf kien self-employed. Dak inhar tah il-cash lura, jaf li hareg minn daru u ftit wara rega' rritorna flimkien mal-akkuzata u qallu li kellu bzonn ftit aktar flus. Huwa hareg cekk minn tieghu ghaliex l-akkuzata u Raouf qalulu li kellhom bzonn ihallsu xi VAT dwar ix-xoghol li kien gie. Huwa kien hareg cekk minghajr isem u l-akkuzata qaltlu li kellha bzonn tara f'isem min kellha tohrog dan ic-cekk. Qal illi c-cekk hareg fl-ammont ta' madwar €200. Muri d-dokument a fol 36 immarkat bhala Dok AE1 jghid li dak huwa c-cekk li hareg hu mic-cekk book tal-BOV tieghu personali u ghadda dan ic-cekk lill-akkuzata. Qal illi dan l-ammont pero' kien parti mill-€2,400 li kien tah Raouf u ghalhekk spjega li ma kienx tah lura s-somma kollha ta' €2,200 bhala cash izda parti bhala cash u parti bhala cekk. Pero' x'sar minnu dan ic-cekk huwa ma jafx. Jaf ukoll li f'Dicembru, 2014 kellu nkontru iehor mal-akkuzata u Raouf dwar il-possibilita' li jifthilhom kumpanija dwar importazzjoni ta' ikel lejn il-Libja. Huwa fehem illi *Omissis* kellha ggib ix-xoghol minn barra. Raouf jiffinanzja dan il-progett u huma jaqsmu dawn il-profitti pero' l-kumpanija qatt ma giet iffurmata.

**L-akkuzata** rrilaxxjat stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni nhar id-29 ta' Mejju, 2015 u kkonfermat li tahdem bhala Assistant Manager ma Jaston Limited li tinnegozzja fl-importazzjoni ta' xorb u sapun minn barra biex jinbiegh fis-suq lokali. Mistoqsija dwar ir-rapport li ghamel dan Abduraouf dwarha fejn allega li hija misapproprjatlu s-somma ta' €9,500 wiegbet illi fl-ewwel lok ma qablitx mal-ammont izda kkonfermat li

huwa kien ghaddielha s-somma ta' €290 tramite cekk mill-awditur tieghu Robert Ebejer f'Novembru, 2014, cekk iehor ta' €4,000 mahrug mill-APS datat 28 ta' Novembru, 2014 mahrug f'ismu, u €1,000 iehor fi flus kontanti li gew mghoddija lilha hdejn il-Kastell hotel u €1,200 ohra li ngibdu mill-BOV tal-Universita' u mghotija lilha minnu stess. U dawn jammontaw ghal €6,490. Qalet li c-cekk ta' €290 kien mghoddi lilha sabiex jirregistrawha ma kumpanija tal-MFSA pero' din baqghet ma saritx. Qalet li vera kellha tiehu hsiebha hi pero' ma ghamlet xejn minn dan ghaliex rega' bdilha u ma rieditx tghamel kumpanija mieghu u ma Libjan iehor bl-isem ta' Ismael li gie ntrodott lilha minn dan Abudraouf. Mistoqsija jekk gharfitx lil dan Abduraouf dwar il-hsieb taghha li ma tirregistrax din il-kumpanija, wegbet fl-affermattiv. Spjegat illi dwar ic-cekk ta' €4,000 dan gie mghoddi lilha f'Novembru, 2014 fejn qaltlu li xtaqet tmur Sqallija biex iggib xi xoghol ta' hwejjeg pero' ma kellhiex flus u huwa qallha li kien lest li jghinha u fil-fatt hekk ghamel. Il-flus taghomlha biex hi tixtri l-hwejjeg u huma jbieghuhom u jaqsmu l-qliegh. Fil-fatt tghid li marret Sqallija fis-6 ta' Dicembru, 2014, giet lura fid-9 ta' Dicembru u xtrat hafna materjal. Fil-fatt urietu dawn il-hwejjeg, tant li ha ftit minnhom ta' valur ta' €500 jew €600. Ghalkemm hija qatt ma thallset tal-qliegh tal-materjal li tatu pero' ammettiet ukoll li qatt ma tatu nofs il-qliegh tal-bqija tal-hwejjeg li baqghu ghandha u li hija bieghet. Tghid illi huma qatt ma ltaqghu biex jaraw kemm kien hemm qliegh. Rigward l-ammont ta' €2,200 ta' flus kontanti tghid li dawn gew mghotija lilha ghaliex talbithomlu ghaliex kienet maqbuda u parti ohra biex iggib hampers tal-Milied minn Catania u tghid li dan huwa kien jafu tant li lahaq sahansitra ha wiehed minn dawn il-hampers ghall-accountant tieghu. Tghid li ried iehor ghal dan Ismael pero' peress li kien Musulman xtratlu biro minflok, bhala rigal. Mistoqsija jekk ghaddietx lura l-flus lil Abduraouf, tghid illi le pero' kien hemm kuntatt bejn l-Avukati taghhom biex jaslu ghal xi ftehim pero' tghid illi dan Abduraouf irrifjuta ghax ried jiltaqa' hu direttament mal-Avukat taghha. Tghid illi f'April, 2015 l-Avukata taghha Dr. Cherrett kienet tkelmet ma dan Raouf biex jiftehmu kif kien se jithallas lura pero' rrifjuta li jiltaqa' maghha fil-prezenza tal-Avukat tieghu u Dr. Cherrett ghalhekk ma ltaqghetx mieghu.

Mistoqsija jekk hux veru li hija selfet is-somma ta' €2,500 biex tohrog container Red Bull mid-Dwana tghid li mhux minnu. Mistoqsija jekk l-ammont ta' flus li gew mghoddija lilha minn Abduraouf biex tghaqqad il-hamsin elf li kellha bzonn biex taghti lic-Ciprijott biex tghaqqad il-hamsin elf, tghid li mhux minnu. Tikkonferma li kienet irceviet is-somma ta' €8704 bhala deposit fuq container xoghol ghal certu Akram pero' tikkonferma illi n-negozzju qatt ma sar u li l-flus ghaddiethomlu lura u li kien taha rcevuta taghhom. Mistoqsija ghaliex dan in-negozzju ma sarx, tghid illi Raouf kien talabha tifforma kumpanija fuq isimha u ddahhal nies Libjana bhala shab maghha u peress li ma kienitx tafhom ma rieditx taghmel dan u kien ghalhekk li sfaxxa kollox. Mistoqsija jekk Abduraouf kienx jaf b'dan, tghid li kien jaf tant li ltaqa' ghand l-Awditur tieghu Robert. Tikkonferma illi kienet hadet xi ghajnuna minghand Mario Calleja biex thallas il-kredituri taghha u kien fethilha ghajnjeha fuq din il-bicca xoghol. Tikkonferma illi vera kellha kuntatt ma certu Tarek sabiex iggib hames containers minn Cipru pero' meta dan talabha 30% bil-quddiem, tghid illi Raouf ma gabilhiex dan id-deposit u kien ghalhekk li n-negozzju sfaxxa. Tikkonferma li d-dokumentazzjoni kellu jiehu hsiebha Kevin Spiteri ta' Arch Trading u kemm hi u kemm Raouf kienu ltaqghu mieghu ghand Pizza by Luca u tikkonferma wkoll li vera kienet qalet lil Kevin sabiex meta jiltaqghu ma dan Raouf kien jghinha ghaliex Raouf kien qed jippressaha biex jircievi x-xoghol minkejja li ma kienu ghaddewlha l-ebda deposit. Kevin dahal fl-istorja intortament ghax sema' minnha. Mistoqsija ghalfejn harget ic-cekk ta' Mario Calleja, tghid li hija kienet tghaddi s-somma ta' €1,000 lil Mario Calleja fix-xahar biex hu ihallas il-kredituri taghha u darba minnhom f'xahar partikolari, ghaddietlu dan ic-cekk f'cash kontanti biex ghaqdet l-elf ewro. Mistoqsija fuq il-VAT number li jidher fuq l-ircevuta li harget lil Akram u cioe' 20979314 tghid li dak huwa l-VAT number u li kienet se ddawru fuq ABJ Limited li kienet il-kumpanija li kienet bi hsiebha tiftah.

Illi nhar it-22 ta' Marzu, 2017 l-akkuzata xehdet li ilha taf lil Abdul Rauf ghal iktar minn ghoxrin sena u darba fost l-ohrajn iltaqghu b'kumbinazzjoni fejn Pizza by Luca fejn hi qaltlu li kienet ghaddejja minn problemi finanzjari u ghalhekk kienet qed tahdem ma kumpanija fejn issibilhom kuntatti u din il-kumpanija ggib xoghol minn barra.

Hawnehkk Raouf ipproponielha li jekk iggib kuntatti u xoghol minn barra huwa kellu hafna hbieb Libjani u li ghalhekk jistghu jaghmlu xoghol tajjeb bejnietna. Hija tghid li l-ewwel flus li Raouf taha u cioe' s-somma ta' €290 kienu ghaliha personali u mhux ghal xi xoghol. Rauf kien laqqa lill-akkuzata ma diversi hbieb tieghu Libjani fosthom certu wiehed Ismael li ried isir Direttur f'kumpanija Maltija biex ikun jista' jiehu c-cittadinanza. Fil-fatt Raouf u dan Ismael kienu marru ghand l-Accountant Robert Ebejer minn wara dahar l-akkuzata biex jibdew il-process u cemplulha minn fejn Robert Ebejer biex jghidulha li hi kull ma trid tghamel huwa li tiddeciedi fuq isem il-kumpanija. L-ghada Raouf laqqaghha ma certu Akram li ried jordna container Red Bull u ghadda s-somma ta' €8,400 lill-akkuzata, izda xahar wara hija regghet ghaddiet din is-somma lil dan Akram. Minn hemm l-akkuzata ddecidiet li ma riedet ikollha x'taqsam xejn ma dawn in-nies u lil Kevin Spiteri qaltlu biex jekk icemplulu dan Raouf u shabu biex jghidilhom li l-affarijiet dalwaqt jaslu.

Mistoqsija jekk inghatatx id-dritt li tikkonsulta ma Avukat qabel l-istqarrija, hija kkonfermat li iva nghatat dan id-dritt, izda hija rrifjutat li tkellem Avukat. Mistoqsija ghalfejn ma rrappurtatx lill-Pulizija li kienet qed tigi mhedda, hija wiegbet li fil-passat meta kienet giet mhedda u marret tirraporta l-Pulizija, dawn ta' l-ahhar qatt ma mexxew ir-rapporti taghha, u kien ghalhekk li ghazlet li ma tirrappurtax it-theddid minn Raouf. L-akkuzata stqarret li hija kellha business ma zijuha, liema business kellu l-isem ta' J & T Sciberras Limited izda peress li falla u kellha hafna sekwestri l-bank, ma setghetx tkompli bil-progett taghha li tiftah il-kumpanija ABJ Limited. L-akkuzata pprezentat dokument immarkat bhala Dok JS li jinsab a fol 127 tal-process li huma notamenti tal-akkuzata li xehdet fuqhom viva voce.

Semghet ix-xhieda prodotta mid-Difiza fir-rigward ta' rijabilittament tal-istess appellant u cioe' lill-Ispettur Anna Marie Micallef tixhed fl-4 ta' Dicembru, 2018 fejn din ikkonfermat li kien ikollhom diversi rapport fil-konfront ta' persuna appellant fejn kien hemm allegazzjonijiet illi l-appellanti kienet tiddefroda n-nies tant li anke tresqet il-Qorti u nstabet hatja. Pero' stqarret illi ricentement kellha kaz abbazi tar-rapport maghmul minn certu Malcolm Vassallo fejn kien allega li kien gie defrodat mill-

appellanti. U minn investigazzjoni li ghamlet irrizulta illi l-appellanti kienet qaltilha li kienet vittma ta' uzura. Malcolm Vassallo kien stqarr illi kien gie defrodat flimkien ma Paul Gauci. Meta hija bghatet ghalihom dawn ma bdewx jaqblu bejniethom lanqas fir-rigward fejn kienu l-vittmi u spiccaw arrestati u rrizultalha li fil-fatt minkejja li l-appellanti kienet silfet xi flus minghandhom, kienet qeghda thallas lura bir-rata ferm ghola minn dak premess mill-ligi. U jekk mhux sejjer zball, fl-ammont ta' aktar minn 50%. Illum hemm ukoll proceduri fil-konfront ta' dan Malcolm Vassallo li ghadu *sub-judice*. Ikkonfermat ukoll li kien hemm nies ohrajn li kienu selfulha l-flus u kienu hadulha imghax gholi fosthom Marflen Chrichiola liema rapport qed jigi investigat.

Ikkonfermat illi l-appellanti qed tipprova tbiddel hajjitha u tohrog minn din il-problema ta' flus. Taf li llum l-appellanti ghandha xoghol stabbli.

Semghet ix-xhieda ta' Fanina Micallef li stqarret li hija d-Direttur tas-socjeta' Ozone u taf illi l-appellanti qeghda tahdem maghhom fil-kariga ta' supervisor. Stqarret illi fil-fatt hija bniedma responsabbli u tinghata responsabbilita' u minn dak li rat qed izzomm maghha. Mgharfa li fil-fatt l-appellanti kellha xi problemi mal-Qorti, pero' dawn ma affettwawiex fuq ix-xoghol ghax xorta tat rizultat tajjeb.

Rat ukoll ir-rapport tal-Probation Officer, Donalise Camilleri li minkejja li ma giex mahluf mill-Probation Officer, id-Difiza ma kienitx qed tinsisti ghal konferma tieghu skont dak verbalizzat fil-25 t'Ottubru, 2018. F'dan ir-rapport il-Probation Officer ikkonfermat illi l-andament tal-appellanti kien wiehed kostruttiv u cioe' li tattendi ghall-appuntamenti gewwa d-Dipartiment tal-Probation u Parole b'mod regolari, izzomm kuntatt frekwenti mal-Ufficjali tal-Probation permezz tat-telephone u jidher li l-appellanti tgawdi support kbir mill-familja taghha u minn nies ma madwarha. Fil-prezent tghix mal-partner taghha u ma binha li ghandu tlett snin minkejja li hija wkoll omm ta' tifla ta' 17-il sena li fil-prezent tghix ma omm l-appellanti. Ma jidhirx illi kien hemm qatt il-vizzju ta' droga u xorb u fil-fatt ittiehdu testijiet tal-awrina taht supervizjoni u dawn taw rizultat negattiv ghal sustanza llecita. Ikkonfermat illi l-appellanti ghandha mpjieg stabbli mas-socjeta' Ozone Malta u li fil-passat l-appellanti kellha negozzju li mhux dejjem kien stabbli, u mhux dejjem kien irendi introjtu regolari.

Jidher illi l-appellanti kellha problema kbira ta' uzura li kien il-kagun li l-appellanti kellha numru ta' kazijiet il-Qorti li huma relatati ma frodi, ma dan kollu waqt il-perjodu ta' supervizjoni l-appellanti ma fethitx kawzi godda l-Qorti. Ikkonfermat ukoll li kienet saret denunzja quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghaliex l-appellanti ma kientix segwiet wahda mill-kundizzjonijiet annessa mal-Ordni tal-Probation u cioe' li thallas is-somma ta' €19, 280 fi zmien sena. Prezentement pero' l-appellanti nghatat cans sabiex tfaddal il-flus u tgaddihom lill-vittma.

Rat ukoll fir-rigward tal-akkuza tar-recediva li taghha l-appellanti nstabet hatja li fl-atti hemm esebit sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati mmarkata bhala Dok RS esebita fl-atti a fol 94 fejn l-appellanti kienet instabet hatja dwar reati in konnessjoni mal-Ordinanza tal-VAT fejn kienet giet ikkundannata thallas multa fl-ammont ta' €2685 u dan fit-3 ta' Frar, 2011.

Ikkunsidrat:

Illi l-Ewwel Qorti kienet sabet lill-appellanti hatja tal-akkuza ta' approprjazzjoni u talli hija recediva u lliberat lill-istess appellanti mill-akkuza ta' frodi u ghalhekk l-appell odjern jitratta biss dwar is-sejbien ta' htija tal-akkuza ta' misapproprjazzjoni u cioe' jekk jirrizultax o meno u fit-tieni lok f'kaz li jirrizulta, jekk ghandhiex titqies bhala recediva.

Il-fatti fil-qosor ta' dan il-kaz kienu tali illi l-appellanti talbet il-flus lil terzi persuni taht il-premessa li hija kienet ser iggib merkanzija minn barra konsistenti f'Red Bull u xi hlewwiet u fejn offriet lill-istess persuna li selfitha l-flus nofs il-profitt taghha bhala skambju biex taghmel tajjeb ghas-self li tkun ghamlet. Jidher li fl-ewwel okkazzjoni hija kienet f'posizzjoni li tirritorna l-flejjes li kienet selfet pero' din l-istess persuna kien wera x-xewqa li minflok ma jiehu flusu lura, jirrinvesti dawn il-flus fin-negozzju maghha bil-ghan li jiehu nofs il-profitt kif kien gie mwieghed.

It-tieni negozzju kien jikkoncerna l-importazzjoni allegatament ta' hames containers. Pero' in effetti dawn il-containers qatt ma waslu Malta minkejja li huwa kien ghadda somma flus lill-istess appellanti bhala deposit fuq dan l-istess negozzju. Irrizulta wkoll li l-appellanti qatt ma uriet xi dokumentazzjoni bhal ordnijiet, licenzji, bill of lading, u affarijiet simili in konnessjoni ma dan in-negozzju u li din il-persuna il-vittma odjerna

kienet mizmuma fid-dlam tant illi anke meta mar jitkellem mal-Accountant, dan gie mgharraf l-informazzjoni li ma kienitx vera.

Illi jirrizulta, u dan m'huwiex kontestat li fil-fatt l-appellanti nghatat flus mill-allegat vittma u li dawn il-flus ghadhom ghandhom sal-lum. Jidher ukoll kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti illi hemm diskrepanza bejn dak li qed jghid il-vittma u cioe' illi huwa kien silifha s-somma ta' €9,000 ghaliex bhala fatt jirrizulta illi huwa kien ghadda lill-appellanti somma inferjuri u cioe' l-ammont ta' €7,600 kif konfermat mid-dokumentazzjoni prezentata minnu stess. L-emails li gew esebiti fl-atti mibghuta minn certu James Festus qatt ma gew ikkonfermati minnu pero' setghu kienu ndikattivi li kien hemm xi talba dwar x'negozzju sabiex jintbghat xi ghasel lejn il-Libja pero' dwar kwantita' jew il-kwalita' jew iz-zmien ta' meta kellu jsehh dan in-negozzju ma jirrizulta xejn u dan lanqas ma jifforma parti minn negozzju li l-vittma jghid li ghamel ma l-istess appellant.

Konsiderazzjonijiet legali:

Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni[1]</u>** saret distinzjoni bejn ir-reat ta' serq, ta' frodi u dik tal-approprijazzjoni indebita, it-tielet imputazzjoni f'dan il-kaz:

"*Dan ir-reat [ta' approprijazzjoni indebita] jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq, ghax l-oggett li jkun, jigi moghti mill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta` jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu ukoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent.*

*F'dik id-decizjoni l-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat:*

"*Dana r-reat isehh meta wiehed*

---

[1] Deciza 09.06.1998. Ara wkoll **il-Pulizija vs Keith Arthur Mayho** deciza fl-4 ta' Frar 2013

*(1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd;*
*(2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku;*
*(3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Issir riferenza ukoll ghad-decizjoni **<u>The Police vs Artur Arakelyan</u>**[2] fejn gie ritenut illi:
*"Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others. ……*
*The key phrases in the law lie in the words "under a title which implies an obligation" and "to make use thereof for a specific purpose" – a purpose specified by the person delivering the object to the agent or agents, which person has the right to impose an obligation on the agent regarding the use to be made of the object entrusted to his care. If the agent proves that he has made use of such object according to the instructions given to him, then he cannot be found guilty of the commission of this offence. ……*
*Consequently from the above it results that the crime of misappropriation is based on the abuse of trust given to the agent, which abuse results in the consequent mishandling of any object by making use of the same for personal gain or profit whether financial or otherwise".*

Izda fil-kawza **<u>il-Pulizja vs Paul Portelli</u>**,[3] il-Qorti spjegat li -
*"huwa t-titolu, li bih ġie riċevut l-oġġett, li għandu jġib miegħu l-obbligu ta' użu speċifikat, u mhux neċessarjament li tali użu għandu jiġi speċifikat mill-proprjetarju mal-konsenja tal-oġġett".*

---

[2] Deciza 17.07.2013 per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima

[3] **Il-Pulizija vs Paul Portelli,** Appell Nru: 423/2014 Deciza 11 ta' Settembru, 2015
mis-S.T.O Il-Prim Imhallef Dr. Silvio Camilleri

*Dik il-Qorti kompliet hekk:*

*"Di fatti, l-awtur Luigi1 Majno dwar dan l-element jgħid:*

*"Parlando la legge di affidamento o consegna senza specificazione di modalità, è indifferente che la cosegna sia fatta direttamente e materialmente dal proprietario, oppure la cosa poi appropriata fosse pervenuta in possesso del colpevole per effetto di un rapporto contrattuale non traslativo di dominio."*

Għalkemm fil-paragrafu citat Majno jitkellem dwar impossessament mill-ħati b'effett ta' rapport kontrattwali – li hija ċertament is-sitwazzjoni l-aktar komuni -- tenut kont tal-fatt li, kif jgħid sew l-istess Majno fl-istess paragrafu, l-liġi ma tillimita b'ebda mod il-modalità ta' kif isir l-affidament jew il-konsenja, ma hemm ebda raġuni sabiex tiġi eskluża s-sitwazzjoni fejn il-konsenja u l-affidament isiru b'operazzjoni tal-liġi u t-titolu li jagħti lok għall-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir mill-ħaġa użu speċifikat ikun ukoll bl-operazzjoni tal-istess liġi.
Kif ġia ġie rilevat, mid-definizzoni tar-reat fl-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta li huwa t-titolu li bih is-suġġett attiv irċieva l-pussess tal-oġġett li għandu jkun tali li jobbliga lis-suġġett attiv li jagħmel użu speċifikat u mhux neċessarjament li l-użu għandu jiġi speċifikat mill-konsenjatur mal-konsenja taloġġett. Dan huwa msaħħaħ b'dak li jipprovdi l-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali li minnu jirriżulta li r-reat ta' approprjazzjoni indebita jista' jseħħ ukoll fuq ħaġa "fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba ... depożitu neċessarju" fejn l-affidament u l-konsenja u l-użu speċifikat ma jsirux direttament millpropjetarju tal-oġġett depożitat iżda jsiru in virtù tal-liġi.
Illi fis-sentenza **il-Pulizija vs Concetta Charles**[4] il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat:

[4] Appell Kriminali Numru 375/2011 Deciz per Onor. Imhallef Dr. Lawrence Quintano 12 ta' Frar, 2013

*"Dwar in-natura tal-misapproprijazzjoni indebita, il-Qorti tal-Appell Kriminali esprimiet ruħha diversi drabi.*

*"Fil-21 ta' Novembru, 1953 fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Giuseppe Cauchi' il-Qorti kienet qalet hekk:*

*Dwar l-elementi in ġenerali 'Ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jehtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghallpattijiet stipulati in bwona fede. Xejn ma jiswa biex ihassar dan ir-reat il-fatt li l-persuna danneggjata tkun hadet proceduri civili biex tigbor flusha; ghax l-azzjoni civili hija indipendenti mill-azzjoni kriminali.".*

Illi jirrizulta li dan hu proprju kaz ta' misapproprjazzjoni indebita fejn il-vittma ghadda s-somma ta' €7,600 lill-appellanti sabiex jimpurtaw xi containers bil-Red Bull u dan qatt ma sar.

Illi effettivament l-appellanti tghid illi hija uzat il-flus biex xtrat xi hwejjeg minn Sqallija meta fil-fatt negozzju jew ftehim mal-vittma f'dan ir-rigward ma kienx hemm. Lanqas effettivament l-Awditur li xehed f'dawn il-proceduri ma ghamel referenza ghal dan in-negozzju tal-hwejjeg jew jekk hux minnu li huwa rcieva wiehed minn dawn il-hampers li hija xtrat minn Sqallija.

Illi x-xhieda kollha jindikaw illi n-negozzju kien wiehed u cioe' dak li jingieb xoghol Malta biex jintbghat lejn il-Libja konsistenti f'merkanzija ta' Red Bull u xi ikel.

Ghalhekk huwa car illi l-flus li gew moghtija lilha bi skop partikolari u cioe' ghan-negozzju tal-containers intuzaw ghal skop iehor minghajr il-kunsens jew ahjar ad insaputa tal-vittma. Konsegwentement, ir-reat ta' misapproprjazzjoni huwa ppruvat.

Il-Qorti tghamel referenza ghal dak mistqarr mill-Avukat difensur fir-rikors tal-Appell tieghu u cioe' fejn stqarr illi l-ewwel Qorti ma nnutatx li kien hemm inkonsistenza bejn dak mistqarr mill-parti leza u l-provi in atti. Jinghad li dan mhux minnu ghaliex fil-fatt,

l-ewwel Qorti tiddedika parti sostanzjali mis-sentenza taghha proprju fuq l-inkonsistenzi. Jinghad ukoll fir-rikors tal-Appell, fit-tieni aggravju tieghu "illi sabiex tissustissi l-frode irid ikun hemm contemporaneous gain and deceit, biex jissustissi r-reat ta' frodi dan billi r-rilaxx ta' flus mill-parte leze qatt ma ngab taht kundizzjonijiet ta' ragiri.

Illi f'dan ir-rigward, din il-Qorti tirrileva illi l-ewwel Qorti qatt ma sabet lill-appellanti hatja tar-reat ta' frodi u ghalhekk kull referenza ghall-elementi ghar-reat ta' frodi huma superfluwi.

Fir-rigward tal-akkuza tar-recediva jirrizulta illi l-appellanti kienet instabet hatja fis-sena 2011 tar-reat ta' recediva permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fejn l-appellanti giet ikkundannata multa. Illi r-reat ta' misapproprjazzjoni in kwistjoni sehhet f'Novembru 2014 u fil-gimghat u x-xhur ta' qabel, u ghalhekk m'hemmx dubju illi din l-akkuza tirrizulta.

Dwar il-piena:

Il-Qorti rat illi effettivament l-appellanti diga' nstabet hatja minn dawn il-Qrati dwar akkuzi li jmorru kontra l-Ordinanza tal-VAT, ta' akkuzi li jitkellmu fuq frodi, ta' misapropprjazzjoni, falsifikazzjoni u serq u l-ahhar *conviction* tirrisali ghal Ottubru 2016. Jidher illi effettivament, l-appellanti diga' nghatat diversi opportunitajiet sabiex tirriforma ruhha tant li nghatat Probation Orders, Conditional discharge, sentenzi sospizi u hlas ta' multi, pero' cio nonostante, tidher li ma uzufritx l-opportunitajiet moghtija lilha u baqghet tippersisti fil-hajja ta' kriminalita', tant li llum qed tigi kkonfermata sentenza ohra moghtija fil-konfront taghha fir-rigward tal-akkuza ta' misapproprjazzjoni.

Illi minkejja li jidher illi l-appellanti donnha ghamlet avvanz fil-hajja taghha fis-sens illi sabet impjieg regolari, xorta ma giex pruvat illi effettivament hija xtaqet tghamel tajjeb ghall-ammont li hija misapproprjat minghand il-vittma. Illi minkejja li ghaddew hames snin minn meta gie kommess dan ir-reat, u gew mghoddija lilha l-flus, il-vittma ghadu ma giex restitwit il-flejjes li gew misapproprjati u dan minkejja li stqarret Fanina Micallef, l-appellanti kellha mpjieg regolari u ghalhekk introjtu finanzjarju.

Il-Qorti ma tistax thalli vittmi ta' dawn ix-xorti ta' reati jibqghu isofru waqt li dak li jkun misappropja l-flejjes ma jaghmlu l-ebda tentattiv biex jaghmlu tajjeb ghad-dannu soffert mill-vittma.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward ta' htija ta' l-ewwel u t-tielet akkuza, fejn ikkundannat lill-appellanti tlett snin prigunerija effettivi kif ukoll fir-rigward ta' dak il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellanti mhux hatja tat-tieni akkuza u lliberata minnha.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur